MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Talba Numru. 403/2014

**Silvio Farrugia**
**K.I. 478277(M)**

**vs.**

1. **Awtorità għat-Trasport f'Malta**
2. **Kunsill Lokali Siġġiewi**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2014, li permezz tiegħu, l-attur talab minbgħand il-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' tliet mija u disgħa u ħamsin Ewro u disgħin ċenteżmu (€359.90), premess illi:

> Is-somma ta' tliet mija u disgħa u ħamsin euro u disgħin ċenteżmu (€359.90) mitluba b'dan l-Avviż tirrappreżenta d-danni kollha sofferti mill-attur Silvio Farrugia, bħala riżultat ta' inċident awtomobilistiku illi seħħ fi Triq San Niklaw, is-Siġġiewi, nhar is-7 ta' Diċembru 2012, meta

waqt li Silvio Farrugia kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT 225, di proprjetà tiegħu stess, saq minn fuq "pothole" illi kienet tinsab fl-imsemmija triq, għal liema triq il-konvenuti jew min minnhom, kienu responsabbli għall-manutenzjoni tagħha.

Għaldaqstant, il-konvenuti, jew min minnhom, kienu unikament responsabbli għall-imsemmi inċident u għal konsegwenzjali danni, riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u imperizija.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni tagħhom.

.

Ra **r-risposta tal-Awtorità għat-Transport f'Malta,** ippreżentata fil-25 ta' Lulju 2014, fejn hija eċċepiet:

Illi preliminarjament, l-Awtorità intimata mhijiex il-leġittima kontradittriċi stante li t-triq fejn seħħ l-allegat inċident ma taqax taħt il-kompetenza tal-Awtorità intimata;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti qatt ma interpella lill-Awtorità intimata permezz ta' att ġudizzjarju biex tersaq għall-ħlas tal-allegati danni.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità intimata tirrispinġi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet miġjuba kontra tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrent li jagħmel prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni allegati jiġu kkontestati.

Salv eċċezzjonijiet oħra

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-Kunsill Lokali Siġġiewi konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur fil-konfront tal-Kunsill Lokali Siġġiewi u l-fatt li dan naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema’ x-xhieda;

Ra l-verbal tas-27 ta’ Novembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi l-ammont pretiż mill-attur ġie suffiċjentement ippruvat permezz tal-irċevuti relattivi li jikkombaċaw mal-ħsara li ġarrbet il-vettura mertu tal-inċident.

Ikkunsidra wkoll illi r-responsabilita għall-akkadut m’hijiex tal-attur jew tas-soċjeta` assikuratriċi iżda ta’ min jirriżulta li huwa responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb tat-triq partikolari fejn seħħ l-inċident.

Sema’ lix-**xufier** tal-vettura Silvio Farrugia fejn ikkonferma illi l-ħsara seħħet meta kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT225 fil-lokalita tas-Siġġiewi, minn ħdejn ir-razzett ta’ San Niklaw, huwa kisser il-bumper ta’ quddiem tan-naħa tax-xellug, minħabba għadira kbira bl-ilma li kien hemm fl-imsemmija triq.

Ra n-notamenti ta’ PS 1125 Alfredo Mangion fejn dana għamel spezzjoni fit-triq fejn kien seħħ l-inċident u sab li t-triq tinsab fi stat ħażin, li fit-triq hemm ċertu ħofor mhux viżibbli għas-sewwieqa li u l-imsemmija ħofor huma ta’ periklu għas-sewwieqa.

Sema’ lis-Sur Pio Farrugia, rappreżentant tad-**Direttur tal-Gvern Lokali**, jixhed fis-seduta tas-24 t’Ottubru 2014, fejn dana wara li ġie indikat lilu l-post eżatt tal-inċident, a bażi tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Skeda 2), ikkonkluda illi l-post fejn seħħu l-ħsarat jaqa’ fil-konfini tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. *“Il-post indikat huwa parti minn Triq San Niklaw is-Siġġiewi, jaqa’ taħt ir-responsabilita` u taħt il-konfini tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.”*

Sema’ wkoll lil Nicholas Baldacchino, rappreżentant tal-**Awtorita għat-Trasport f’Malta** konvenuta, fejn dana spjega li l-Awtorita` hija responsabbli għaż-żamma tajba tat-toroq prinċiparjament arterjali u distributorji. It-triq fejn seħħ l-inċident ma tikkwalifikax bħala triq arterjali jew distributorja u dana a bażi tal-Pjan ta’ Struttura maħruġ mill-Awtorita` ta’ Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Huwa kkonferma li t-triq taqa’ taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Ra illi dawn ix-xhieda ma ġew bl-ebda mod kontradetti.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi fil-konfront tal-Kunsill Lokali Siġġiewi, jilqa' wkoll l-l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u filwaqt illi jillibera lill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta mill-osservanza tal-ġudizzju qiegħed konsegwentement jikkundanna lill-Kunsill Lokali Siġġiewi sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u disgħa u ħamsin Ewro u disgħin ċenteżmu (€359.90), flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ikunu a karigu tal-Kunsill Lokali Siġġiewi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------